

## V

(Avviżi)

## PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## KUMMISSJONI

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.5272 — Sony/Sony BMG)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 207/10)

1. Fit-8 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika għal konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-Korporazzjoni Sony tal-Istati Uniti ("Sony", il-Ġappun) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll totali ta' Sony BMG Music Entertainment ("Sony BMG," l-Istati Uniti), permezz tal-akkwist ta' Bertelsmann AG b'50 % interess azzjonarju f'Sony BMG.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriża kkonċernati huma:

— għal Sony: elettronika u prodotti elettroniċi ta' konsum, negozju fis-settur tad-divertiment u negozji oħra varji,

— għal Sony BMG: mużika rrekordjata.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni avżata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5272 — Sony/Sony BMG, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.